MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Numru 676/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvette Farrugia**
**Spettur Domenic Micallef**

**v**

**TIMOTHY JONES**
**JOSEPH BARBARA**

**Seduta ta' llum, 5 ta' Dicembru 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **TIMOTHY JONES** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Albert u Mary nee Pepe, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Novembru 1982 u joqghod 'White Planes Flats', Flat 1, Triq J. Quintinus, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita numru 625382M u **JOSEPH BARBARA** ta' sitta w ghoxrin sena bin Joseph u Marianne nee Micallef,

imwieled Pieta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Frar 1978 u joqghod 'Roosendaal Flats', Flat 2, Triq l-Gilba, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita numru 127578M, gew imressqa quddiemha akkuzati talli fl-ghoxrin ta' Awissu 2004, ghal habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar, gewwa l-bajja tal-Ghadira, Mellieha, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom zewg basktijiet, liema serq hu aggravat bl-ammont ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta' Awissu 2004 esibit fl-atti a fol 35 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Awissu 2004 [fol 7 u 8].

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat Joseph Barbara jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u l-provi tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Awissu 2004 xehdet Tina Nilson** [fol 9] fejn qalet, wara li kkonfermat li l-basket u l-kontenut tieghu esibiti fl-atti kienu taghha, li nhar l-ghoxrin ta' Awissu 2004, ghal habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar, hi flimkien ma zewgha, kienu marru l-bajja tal-Mellieha u wara li poggiet l-imsemmi basket fuq r-ramel, marru jghumu u meta giet lura, dan ma sabitux.

Qalet li meta tkellmet ma xi nies li kienu vicin taghhom, dawn qalulha li kienu marru x'irgiel u haduh. Qalet li ghalhekk huma marru jkellmu x'irgiel ohra li kienu fil-vicin u dawn qalulhom li huma kienu ppruvaw isegwu lil hallelin pero ma qabduhomx. Dawn l-irgiel tawhom in-numru tal-vetturi li kellhom l-allegati hallelin u marru lura l-lukanda Seabank fejn kienu alloggjati.

Qalet li hi ma rat lil hadd jisraq l-basket bil-kontenut tieghu, qaghdet biss fuq dak li qalulha l-irgiel li allegatament ippruvaw isegwu lil hallelin. Mitluba tghid x'numru kellhom il-vetturi x-xhud wiegbet li ma tiftakarx pero qalet li kienet tat tali nformazzjoni lil Pulizija. Qalet li hadd ma kien taha deskrizzjoni ta' dawk li serquha, lanqas kemm kienu fin-numru. Qalet li wara li kienet ghamlet r-rapport, l-Pulizija kienu nfurmawha li l-basket w il-kontenut tieghu kienu nstabu.

**Illi nhar l-ewwel ta' Settembru 2004 xehed Marco Novakovic** [fol 36] fejn spjega li nhar l-ghoxrin ta' Awissu 2004, bejn l-erbgha w il-hamsa ta' wara nofsinhar, hu kien il-bajja tal-Mellieha fuq ix-xatt flimkien ma zewgt ihbieb tieghu Marco Paic u Vladimir Brokic. Qal li f'xi hin Vladimair Brokic mar jghum u hu baqa ma Marco Paic fuq x-xatt.

Kompla jghid li x'hin tela' mill-bahar Vladimir Brokic staqsihom fejn kien l-basket l-blu tieghu u li fih kien hemm affarijiet taghhom wkoll, u dawn ma rawh imkien. Qal li hu ma kien ra lil hadd jiehdu u bdew mexjin max-xatt ifittxuh u f'daqqa wahda nnota lil siehbu Marco Paic jghajjat u jigri wara xi rgiel. Qal li hu gera ghal warajhom wkoll pero ma lahaqhomx u rahom dehlin f'vettura griza kulur silver metallic li kellha n-numru ta' registrazzjoni LIL 155. Qal li fuq in-numru mhux zgur pero kienet vettura Gappuniza jew Koreana.

Qal li fuq is-seat ta' wara ta' din il-vettura kien hemm numru ta' basktijiet. Ix-xhud gharaf lil imputat Joseph Barbara presenti fl-awla bhala wiehed mill-persuni li ra jigru u jidhol fil-vettura imsemmija. Qal li kif il-vettura telqet ra ragel iehor jigri b' basket f'idejh u rah jirkeb

f'vettura tal-ghamla Volgswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni b'xi ittra ‘K’ u n-numru 183. Ix-xhud gharaf lil imputat Timothy Jones presenti fl-awla bhala t-tielet persuna li ra tigri b' basket f'idejh. Ix-xhud kompla jghid li wara xi kwarta l-imputat [minghajr ma specifika liema wiehed] gie lura u huwa haseb li ghamel hekk forsi ghaliex rahom jiktbu n-numru tal-vettura.

Sa dak l-hin kienu semghu li kien hemm xi nies ohra li kienu gew derubati fosthom mara mill-Germanja jew l-Olanda li qaltilhom li kienu serqulha l-basket taghha li kien ta’ kulur roza. Qal li din qaltilhom li ma kellha xejn ta' valur fih izda kellha hwejjigha u dak il-hin hu rega' mar jigri wara dawn il-persuni li kienu tlieta. Ix-xhud ikkonferma li tnejn minn dawn it-tlett persuni huma z-zewg imputati presenti fl-awla. Qal li waqt li kienu jigru biex jaharbu, bdew jkissru xi hgieg u wara xi ghaxar minuti gew il-Pulizija li bdew ikellmu lil dawn in-nies. Ix-xhud kompla jghid li l-Pulizija ghajtulu u hu mar u qalilhom li ried ikellimhom bl-Ingliz peress li l-Malti ma kienx jaf jitkellmu u ma jifhmux u qal lil Pulizija li dawk in-nies kienu qed jisirqu l-basktijiet tan-nies minn fuq x-xatt u wara spicca d-Depot tal-Pulizija.

Qal li l-basktijiet taghhom ma sabuhomx. Kompla jghid li l-ewwel darba lil ra lil imputat Joseph Barbara kien waqt dan kien diehel fil-vettura u lil imputat Timothy Jones rah meta ghadda minn hdejh b'basket f'idu jigri wara biex jilhaq lil imputat l-iehor. Qal li l-handbag li ra f'idejn l-imputat Timothy Jones jahseb li kien ta' kulur roza pero fil-Qorti gharaf l-istess basket li kellu Timothy Jones f'idejh u li l-istess Pulizija taw lil mara Gerrmaniza li qalet li kienu serquhulha. Ix-xhud ikkonferma li fil-vettura fuq is-seat ta' wara hu kien ra numru ta' basktijiet, kienu fuq xulxin. Qal li ghand il-Pulizija hu ra wkoll l-vettura ta' kulur blu. Qal li meta ra l-vetturi l-blu u l-griza mettalic, ma kien hemm hadd jistenna fihom, ra biss irgiel jigru biex jidhlu fihom u jitilqu bihom.

Qal li fl-ewwel karozza kien hemm zewgt irgiel u fil-Golf kien hemm l-imputat Timothy Jones. Qal li z-zewg vetturi kienu pparkjati sew, xi tletin metru boghod minn xulxin u

kien hemm vetturi ohra pparkjati hemmhekk. Qal li bejn l-ewwel darba li telqu u l-hin li regghu marru lura kien hemm xi ghaxra jew ghoxrin minuta. Qal li hu talab lil akkuzat sabiex jaghtih lura l- basket u dan beda jkellmu lura bil-Malti u ghalhekk ma kienx jaf x'qed jirrispondih. Qal li hu kellimhom bil-goff u qalilhom li fi zmien ghaxar minuti ried il- basket tieghu lura. Qal li dak l-hin mar ragel Malti fuqu u beda jipprova jikkalma s-sitwazzjoni.

Qal li bejnu u bejn l-post fejn kienu ppakjati l-vetturi, kien hemm hajt ta' cirka tlett metru gholi u xi distanza ta’ xi sbatax il-metru. Qal li hu qabez dan il-hajt wara li kien ra lil Marco Paic jigri warajhom. Qatt ma kien ra lil imputat Joseph Barbara qabel dan l-incident. Qal li hu ma kienx f'posizzjoni jirrikonoxxi t-tielet persuna u l-Pulizija ma wrietu ebda tielet persuna.

Cahad dak sottomess mid-difiza li l-Pulizija wrietu xi persuna bl-isem ta' Robert; il-Pulziija wrietu biss lil imputati, anzi zied jghid li hu ra lil akkuzati fuq ix-xatt jitkellmu mal-Pulizija u rahom wkoll d-Depot. Qal li ra wkoll lil akkuzati d-Depot jistennew biex jitkellmu mal-Ispettur, waqt li f'idejhom kellhom bastun tal-metall. Qal li huma ma tawx bih. Qal li kien veru li hu kien kisser il-hgiega tal-karozza tal-akkuzat Timothy Jones waqt li huma kienu hdejn s-Seabank Hotel. Qal li hu ma kienx iggieled mieghu. Qal li la hu u lanqas shabu ma marru ghand l-Pulizija. Meta gew il-Pulizija hu ma kienx hemm.

Qal li hu ma rax l-incident isehh u rahom biss jitkellmu mal-Pulizija. Qal li hu ma hallasx ghal hsara fil-karozza. Qal li dam tnax il-jum l-habs wara li kien instab hati mill-Qorti.

Kuntrarjament ghal dak li qal qabel, huwa jghid li ma rahx lil imputat Timothy Jones fuq ix-xatt; ra biss lil siehbu Marco Paic jigri wara tnejn minn nies. Qal li meta hu qabez c-cint, siehbu kien diga lahaq t-triq u kien eqreb hu ghal vettura minu u l-imputat Timthony Jones kien qed jigri mid-direzzjoni tal-vettura griza ghal dik Golf.

Mistoqsi jaghti deskrizzjoni tal-basket, ix-xhud qal kwazi zgur li kien ta' kulur roza, pero ma kienx ra dan il-basket fil-vettura Golf kien sema' lil Germaniza tghid hekk. Wara l-Pulizija hadu dan il- basket u poggewh fil-karozza taghhom. Qal li waqt li din il-vettura Golf kienet miexja, hu ta' daqqa ta' ponn fuq l-hgiega w inkisret. Ma kien hemm hadd izjed li laqat il-Golf hliefu. Qal li hu f'ebda hin m'attenda ghal identification parade w ikkonferma li kienu l-istess nies li kienu qed jistennew barra mieghu fl-istess kamra li kienu nvoluti fl-incident u cioe l-imputati odjerni. Qal li fl-ebda hin ma tkellem mal-akkuzati u lanqas huma ma kellmuh fuq spejjes u hadd ma staqsih ghal xi spejjes.

Ix-xhud ikkonkluda li hu ma rax lil imputat Timothy Jones jisraqlu proprjeta tieghu. Qal li ra biss lil siehbu Marco Paic jigri wara l-imputat Timothy Jones u rah jidhol fil-vettura Golf. Qal li ra lil imputat Timothy Jones l-ewwel darba meta ghadda jigri minn hdejh. Mistoqsi kemm ghaddew karozzi wara li l-imputati telqu, ix-xhud qal li l-imputati kienu kollha f'vettura wahda, l-Golf u dak il-hin ma ra ebda basket f'din il-vettura.

**Illi nhar l-ewwel ta' Settembru 2004 xehed Marco Paic** [fol 42] fejn spjega li jum il-Gimgha, fix-xahar ta' Awissu hu kien fuq ix-xatt fil-bajja tal-Mellieha flimkien ma Vladimir Brokic u Marco Novakovic ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar. Qal li hin minnhom Vladimir Brokic mar jghum u hu baqa fuq ix-xatt ma Marco Novakovic. Qal li meta rritorna x-xatt Vladimir Brokic staqsihom fejn kien il-basket tieghu u meta fittxewh ma sabuhx u ra ragel jigri b'basket roza f'idu. Qal li mar jigri warajh pero ma lahqux peress li hu kien liebes flip-flop. Qal li meta lahqu dan lahaq dahal f'karozza u telaq. Wara ra ragel iehor, u cioe lil imputat Timothy Jones, jipprova jidhol f'vettura u hu pprova jwaqqfu. Kien diga xeghel il-magna u qallu biex jieqaf. Wara xi kwarta l-imputat Timothy Jones u r-ragel l-iehor li kien mieghu, regghu gew lura, hareg mill-vettura b'bicca hadida f'idejh u hu haseb li kien ser jaggredih biha. Huma rritornaw il-basket ta' kulur roza.

Qal li Marco Novakovic gera izjed minnu, semgha hgieg jinkiser u ra tnejn minn nies jigru fid-direzzjoni tas-

Seabank Hotel. Qal li hu qalilhom li ried l-oggetti tieghu lura u ragel iehor li kien maghhom qallu li ma kellhom xejn tieghu. Qal li kien hemm ragel iehor jigri fuq ix-xatt li qal li kien jafhom. Ix-xhud qal li dawn qalulu li ma kienux raw l-basket tieghu u hu staqsihom kif kien li rritornaw basket roza u fih kien hemm biss hwejjeg meta fil-basket tieghu kien hemm camera tar-ritratti, flus, nuccali tax-xemx u nuccali tal-ghum.

Qal li wara waslu l-Pulizija u hu tkellem maghhom. Qal li meta gera wara r-ragel li kellu l-basket r-roza hu kien diga dahal fil-vettura u sparixxa u ra l-vettura kulur silver titlaq tigri. Qal li hu ma ra lil hadd fil-vettura silver u ma ra lil hadd hiereg minnha. Ra lil imputat Timothy Jones jidhol fil-vettura li harbet bl-ghaggla. Mistoqsi fejn kien l-imputat Timothy Jones qabel ma rah hemmhekk, ix-xhud qal li ma kienx jaf. Qal li hu rah jippanikkja jipprova jidhol fil-vettura bl-ghaggla u minn wiccu deher imbezza. Qal li l-imputat Timothy Jones ma kellu xejn f'idejh.

**Illi nhar l-hamsa ta' Ottubru 2004 xehdet l-allura Spettur Yvette Farrugia** [fol 55] fejn spjegat li fl-ghoxrin ta' Awissu 2004, giet infurmata mill-Iskwadra tal-Mobile li kienu ghadhom kemm qabdu persuna ta' nazzjonalita Jugoslava taghmel xi hsara fuq vettura Golf bin-numru ta' registrazzjoni KAL 983 parkkjata fil-bajja tal-Ghadira. Qalet li kellha wkoll informazzjoni li din il-persuna kienet fil-kumpanija ta' persuna ohra ta' nazzjonalita Jugoslava wkoll u li kien inqala argument bejn dawn iz-zewg Jugoslavi u xi guvintur Maltin li kienu Timothy Jones, sid il-Golf u Joseph Barbara, z-zewg imputati odjerni.

Ziedet tghid li minn aktar investigazzjoni rrizultalha li wiehed mill-Jugoslavi, certu Marco Novakociv qalilha li waqt li kien l-bajja tal-Ghadira, innota ragel jisraq l-basket back-pack bil-kelma "Champion" fuqu kulur blu skur u ragel iehor jigri b'basket iehor f'idejh ta' kulur roza. Qalet li Marco Novakovic gera ghal warajh u ra lir-ragel bil-basket roza jitla f'vettura Hyundai Lantra bin-numru ta' registrazzjoni LIL 155.

F'dak il-hin ra lil imputat Timothy Jones johrog minn din il-karozza u jidhol f'vettura Golf bin-numru ta' registrazzjoni KAL 983, li rrizulta li kienet tal-istess Timothy Jones. Ix-xhud kompliet tghid li Marco Novakovic qalilha li meta is-sewwieq tal-vettura hareg fil-vettura Hyundai Lantra, fiha ra fuq l-ixkaffa ta' wara, back-packs ohra. Ix-xhud tkellmet mal-imputati Timothy Jones u Joseph Barbara u dawn irritornaw l-basket roza bl-affarijiet fih, liema basket irrizulta li kien ta' certa Tina Nilson li dakinhar inzertat kienet il-bajja tal-Ghadira u kien insterqilha dan il-basket roza.

Qalet li z-zewg imputati cahdu l-involviment taghhom f'dan is-serq u qalu li kien certu Robert Corney li kien maghhom dakinhar l-bajja tal-Ghadira, li kien seraq l-imsemmi basket roza. Cahdu wkoll li huma kienu serqu l-imsemmi basket blu. Qalet li Marco Novakovic u siehbu Marco Paic tressqu l-Qorti akkuzat bi hsara voluntarja fuq l-vettura Golf bin-numru ta' registrazzjoni KAL 983 u Timothy Jones u Joseph Barbara tressqu l-Qorti wkoll, bl-akkuzi odjerni.

**Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2005 xehed PS 386 Joseph Cauchi** [fol 86] fejn spjega li dakinhar tal-ghoxrin ta' Awissu 2004, hu kien xoghol mal-Mobile Squad mit-tlieta ta' wara nofsinhar sad-disgha ta' bil-lejl. Qal li ghal habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar hu kien gie ordnat jinzel l-bajja tal-Mellieha ghaliex kien hemm xi glieda u xi hadd kien kisser xi karozza. Qal li meta wasal fuq il-post, faccata tas-Seabank Hotel kien hemm zewg guvintur ma gemb karozza bi hgiega miksura. Staqsihom x'kien gara u qalulu li kien hemm tlett guvintur daqsxejn 'l boghod li kienu kissrulhom il-karozzi. Qal li meta mar ikellem lil dawn t-tlett guvintur rrizulta li kienu ta' nazzjonalita Jugoslava u dawn qalulu li iz-zewg guvintur l-ohra kienu serqulhom xi basktijiet u li wara li kienu telqu minn fuq il-post bihom kienu regghu rritornaw lura bl-istess karozza. Ghalhekk, kompla jghid dan x-xhud hu kien ordnat inizzel lil kulhadd d-Depot ghal aktar investigazzjoni. Qal li kienu l-imputati stess li attiraw l-attenzjoni taghhom sabiex jieqfu meta waslu l-bajja tal-Mellieha u kien l-imputat Timothy Jones li talab l-intervent tal-Pulizija meta waslu. Qal li l-

Jugoslavi ma xtaqux jitkellmu maghhom ghaliex hasbu li ser ikunu pregudikati favur il-Maltin u huma spjegawlhom li kienu Pulizija u li kienu hemm biex jaghmlu d-dover taghhom. Qal li l-imputat Timothy Jones dak l-hin beda jichad dak li kien qed jigi allegat li hu kien ha xi basket tal-Jugoslavi.

**Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2005 xehed PC 1445 Kevin Cauchi** [fol 89] fejn spjega li fl-ghoxrin ta' Awissu 2004 hu kien xoghol ma PS 386 Joseph Cauchi u ghal habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar dakinhar kellhom ordni biex imorru l-bajja tal-Mellieha peress li kien hemm xi glieda. Qal li appena waslu fuq il-post, l-imputat Timothy Jones li gharaf presenti fl-awla, qalilhom li l-karozza tieghu kienet qalghet xi daqqiet u tkisritilha l-hgiega u ndikalhom l-persuna li kienet wettqet dan it-tkissir, u cioe persuni ta' nazzjonalita barranija u ghalhekk PS 386 Joseph Cauchi mar ikellimhom. Qal li wara PS 386 Joseph Cauchi mar fuqu u qallu biex jiehu lil imputati d-Depot ghal aktar investigazzjoni.

Qal li l-imputat Timothy Jones kien ghamel rapport li kien hemm xi persuni li kissrulu u ghamlulu hsara fil-karozza tieghu. Qal li lilu ma rrizultalux r-raguni ghal tali hsara. Il-hsara kienet tikkonsisti fil-bieba ta' wara fuq il-parti ta' isfel taghha u fuq il-hgiega ta' quddiem tal-windscreen u l-bieba tal-passiggier ta' quddiem.

**Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2005 xehed PC 1179 Ronald Isles** [fol 91] fejn spjega li fl-ghoxrin ta' Awissu 2004 hu kellu ordni biex imur l-bajja tal-Mellieha peress li kien hemm xi glieda. Qal li appena wasal fuq il-post, sab lil PS 386 Joseph Cauchi u PC 1445 Kevin Cauchi li kienu qed jitkellmu ma xi stangieri. Dawn ilmentaw li gew misruqa xi basket u kien hemm vettura ta' xi nies Maltin bil-hgieg miksur. Kompla jghid li l-Maltin allegaw li l-vettura kienet miksura mill-istrangieri minhabba lil kien insteraq xi basket minn fuq ix-xatt minn xi tlett Maltin.

Hu nizzel lil istrangieri, li jghid li kienu Serbi, fil-vettura li kien qed juza hu lejn d-Depot u maghhom nizzlu l-passaporti taghhom. Qal li z-zewg imputati presenti fl-

awla kienu tnejn mit-tlett Maltin indikati minn dawn l-istrangieri bhala l-persuni li serqu l-basktijiet. Mistoqsi jekk fil-fatt l-imputat Timothy Jones kienx cahad li hu fil-fatt kien seraq xi basket, ix-xhud wiegeb li jista jkun pero l-imputat Timothy Jones aktar tkellem mas-Surgent milli mieghu. Ikkonferma li bejn il-Maltin u s-Serbi kien hemm argumentazzjoni. Is-Serbi kienu fil-karozza mieghu pero bdew jitkellmu mas-Surgent.

**Illi nhar l-ewwel ta' Gunju 2005 xehed Robert Corney** [fol 93] fejn wara li gie spjegat lilu t-tifsira tal-gurament, qal li hu kien ghadda proceduri kriminali in konnessjoni ma serq ta' basket nhar l-ghoxrin ta' Awissu 2004 u li dawn il-proceduri gew decizi. Qal li hu kien seraq basket mill-Ghadira u kien akkumpanjat miz-zewg imputati odjerni. Qal li hu kien mar l-bajja tal-Ghadira ma l-imputat Joseph Barbara u Joseph Barbara kien cempel lil imputat Timothy Jones u marru flimkien hemmhekk.

Ix-xhud qal li meta kienu hemm, fettillu jisraq basket u nizel bih Bugibba flimkien ma Joseph Barbara. Qal li meta hu ha dan il-basket, l-imputati Timothy Jones u Joseph Barbara kienu fil-karozza. Qal li huma ndunaw li kien seraq basket minn fuq ix-xatt, pero ma waqqfuhx. Qal li waqt li kienu fil-karozza lkoll flimkien, hu kellu l-intenzjoni li jisraq basket u li kien qalilhom b'dan u qalilhom sabiex jistennewh. Qal li l-basket li seraq ma kien fih xejn ta' valur.

Ikkonferma li l-imputat Timothy Jones ma kien jaf b'xejn. Qal li meta seraq l-basket, warajh kien hemm xi nies barranin. Qal li meta telaq jigri m'indunax li kien hemm xi nies ohra jigru warajh u rahom biss meta dahal fil-karozza. Qal li l-imputat Timothy Jones hareg mill-karozza tieghu meta nduna b'dak li kien ghamel u gera fid-direzzjoni ta' fejn kienet ipparkjata l-vettura tieghu u ghalhekk hareg mill-vettura ta' Joseph Barbara. Qal li l-imputat Timothy Jones hareg mill-karozza u hu u Joseph Barbara telqu minn fuq il-post u s-Serbi baqghu jigru wara Timothy Jones.

Qal li Timothy Jones kien mahruq bid-daqqa li qala fil-karozza tieghu w ghalhekk wara li marru Bugibba, dehrlu li kellu jirritorna l-Ghadira. Qal li hu ma baqax fuq il-post meta waslu l-Pulizija, kien diga telaq.

Aktar tard il-Qorti spjega li meta hu nizel mill-karozza biex imur jisraq il-basket, fil-karozza dak l-hin kien hemm biss l-imputat Joseph Barbara ghaliex l-imputat Timothy Jones kien ghadu ma wasalx, kien wasal aktar tard.

**Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2005 rega' xehed Robert Corney** [fol 107] fejn qal li huwa minnu li l-basktijiet in kwistjoni hu kien hadhom minn rajh u li meta kienu baghtu ghalih il-Pulizija hu kien ta versjoni differenti tal-fatti. Qal li l-versjoni ezatta li hu kien ta lil Pulizija ma jiftakarix. Qal li dakinhar li tkellem mal-Pulizija hu kien mahruq u ghalhekk kien tahom dik il-versjoni tal-incident. Qal li dakinhar hu kien qal lil Pulizija li Joseph Barbara kien hajjru jisraq u dan kien qal hekk ghaliex dakinhar kien haseb li Joseph Barbara kien kixfu fi kwistjoni ohra.

**Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2005 xehed l-Ispettur Domenic Micallef** [fol 97] fejn qal li fil-wiehed u ghoxrin ta' Awissu 2004, hu kien presenti meta ttiehdu z-zewg stqarrijiet rilaxxjati miz-zewg imputati u cioe dik tal-imputat Joseph Barbara esibita bhala dokument DM 2 a fol 102 u dik tal-imputat Timothy Jones esibita bhala dokument DM 1 a fol 99 tal-atti, liema zewg imputati gharaf presenti fl-awla. Ikkonferma li dawn iz-zewg imputati gew moghtija s-solita twissija mill-Ispettur Yvette Farrugia qabel ma rrilaxxjaw l-imsemmija stqarrija fil-presenza tieghu rigward allegat serq ta' xi basktijiet mill-Ghadira. Hu gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija ta' Joseph Barbara filwaqt li dan l-imputat ghazel li ma jiffirmahiex, kif wkoll il-firma tieghu fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Timothy Jones li ghazel li jiffirmha.

**Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2005 xehed PS 850 Simon Buttigieg** [fol 105] fejn qal li nhar l-ghxorin ta' Awissu 2004, hu kien patrol fl-inhawi tal-Mellieha meta ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar, gie nfurmat fuq r-radio li kien hemm xi glieda l-bajja tal-Mellieha, l-Ghadira w ghalhekk

nizel hemmhekk. Qal li meta wasal fuq il-post sab tlett Serbi li qalulu li kien hemm xi zewg Maltin li kienu serqulhom xi basket minn fuq ix-xatt u li wara kienu kissru l-karozza ta’ dawn l-istess zghazagh. Qal li dak l-hin gie arestat kullhadd u ttiehdu gal aktar investigazzjoni. Ix-xhud kkonferma li l-Maltin li gew arrestati huma z-zewg imputati presenti fl-awla. Mistoqsi jekk kienx hemm xi terza persuna maghhom, ix-xhud wiegeb li ma kienx hemm. Qal li aktar tard rrizultalu li s-Serbi kellhom visa skaduta u wara li saret s-solita procedura, dawn gew deportati.

**Illi nhar t-tnax ta' Ottubru 2005 xehed l-imputat Joseph Barbara minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 112] fejn qal li kien jum is-Sibt meta missier Robert kien iltaqa mieghu u kien staqsih ma min kien qed jghamilha t-tifel tieghu u kien qallu li kien qed jghamilha ma certu Jean Claude Cassar. Qal li hu kien talbu sabiex jiehdu mieghu kull fejn imur u hu hekk kien jaghmel. Qal li xogholu huwa dee-jay.

Ix-xhud zied jghid li dakinhar, meta ltaqa ma Robert Corney, dan kien hareg mill-karozza tieghu u dahal fil-karozza tax-xhud u hu kien haseb li kien sejjer jixrob jew jiekol xi haga. Qal li fl-istqarrija li kien rrilaxxja lil Pulizija kien qal li kien issuspetta li l-basket kien misruq u kien ghalhekk li Robert dak l-hin kien qallu biex isuq malajr u li kien hemm xi barranin jigru u jsabbtu fuq il-karozza tieghu wkoll. Mistoqsi minn fil-fatt sofra l-hsara ix-xhud wiegeb li Timothy Jones kien sofra diversi hsarat fil-vettura tieghu. Qal li wara sar jaf li l-barranin kienu Jugoslavi. Qal li hu u Timothy Jones kienu cemplu lil Pulizija xi tlett darbiet. Qal li hu kien issuspetta li l-basket kien gej minn serq peress li ra lil barranin jigru wara Robert. Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija li rrilaxxja bhala dokument DM 2 a fol 102.

Ikkunsidrat:

Illi huwa principju bazilari fil-ligi penali li min jakkuza irid jipprova w in oltre dan irid jghamlu sal-grad rikjest mill-ligi. Id-Difiza, m’ghadha tipprova xejn u tista jekk trid, tistrieh biss fuq il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni stess. Huwa

wkoll principju kardinali li dak kollu li jghid imputat ghandu jkollu effett biss fil-konfront tieghu u m'ghandu jkollu ebda effett fil-konfront tal-ko-akkuzat la favur u lanqas kontra w ghalhekk, ghandu jitqies li fil-konfront tal-ko-akkuzat ma ntqal xejn mill-ko-akkuzat l-iehor.

Huwa wkoll principju bazilari li xhieda ta' komplici, f'dan il-kaz ta' Robert Corney, ghandha jkollha effett biss jekk tkun korroborata minn xhieda u/jew provi ohra ndipendenti.

Illil ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel apprezzament tal-provi b'mod separat u distint fil-konfront taz-zewg akkuzati fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'l fuq.

X'inhuma l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni ?

Ix-xhud principali taghha huwa l-komplici Robert Corney li xehed f'zewg okkazzjonijiet u cioe nhar l-ewwel ta'Gunju 2005 u gimghatejn wara fl-erbatax ta' Gunju 2005 u fil-fatt dan l-istess xhud jikkontradixxi lilu nnifsu. Robert Corney l-ewwel jghid li meta huwa nizel mill-vettura biex jisraq l-basket, l-imputati kienu fil-karozza, indunaw bis-serqa tieghu u ma waqfuhx. Qal wkoll li qabel ma seraq l-basket, kien fil-karozza u kien qal liz-zewg imputati li kien ser jaghmel hekk u biex jistennewh. Izda fl-istess nifs jghid li l-imputat Timothy Jones ma kien jaf xejn mija fil-mija. Izda aktar tard jghid li Timothy Jones nizel mill-vettura u hu baqa ma Joseph Barbara u mar Bugibba. Jghid wkoll li Timothy Jones mar mieghu Bugibba izda wara mar lura l-Ghadira bil-basket ghaliex kien mahruq bid-daqqiet li kien qala fuq il-vettura tieghu. Ikkonferma li fuq il-post ma qaghdx meta gew il-Pulizija. Fl-gheluq tax-xhieda tieghu jghid li qabel ma nizel biex jisraq hu kien hemm Joseph Barbara biss fil-karozza ghaliex Timothy Jones wasal aktar tard.

Izda meta xehed fl-erbatax ta' Gunju 2005, jghid li lil Pulizija kien ta versjoni differenti tal-fatti ghaliex haset li l-imputat Joseph Barbara kien kixfu u kien mahruq.

Illi ghalhekk dan ix-xhud mhux wiehed kredibbli u zgur li din il-Qorti mhux ser tistrieh fuqu.

Ix-xhieda okulari u cioe Tina Nilson m’gharfet lil hadd bhala l-persuna li serqitilha l-basket.

Marco Novakovic jghid li ra lil imputat Timothy Jones jigri b’basket f’idejh possibilment roza u fil-fatt jghid li kien l-istess basket li gharaf l-Qorti esibit fl-atti.  Ikkonferma pero li ma rahx jisraq l-basket tieghu, rah biss jigri lejn il-vettura tieghu u li kien Marco Paic li gera warajh.

Issa, Marco Paic minn naha tieghu, li suppost kien aktar vicin tal-imputat Timothy Jones ghaliex kien qed jigri warajh, jghid li wara ghaxar minuti Timothy Jones kien irritorna fuq il-post ma persuna ohra li kellha l-basket roza f’idejha w ghalhekk dan jikkonferma li fil-fatt Timothy Jones qatt ma kellu l-basket f’idejh qabel ma effettivament irritornah, kuntrarjament ghal dak li stqarr ix-xhud Marco Novakovic.

Jghid li fuq r-ramel kien hemm persuna ohra qed tigri.  Fil-fatt qatt ma qal li ra lil Timothy Jones fuq r-ramel; rah biss hdejn il-karozza li telqet tigri.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ din ix-xhieda, kif imsahha b’dak li qal l-imputat Timothy Jones stess fl-istqarrija tieghu, u cioe li kien fil-karozza u ra lil Robert Corney gej jigri bil-basket f’idejh waqt li kien qed jitkellem mal-ko-akkuzat Joseph Barbara, kif wkoll mal-fatt li kien hu li rritorna lura l-basket u cempel lil Pulizija, il-Qorti thoss li din hija t-tesi korretta u cioe li kien Robert Corney li seraq l-basket u a bazi tal-istess provi, il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati ta’ din l-akkuza.

Il-Qorti thoss li t-tezi li ta l-imputat Timothy Jones hija veritiera u ghalhekk ghandha tigi emmnuta.  Illi jigi rilevat li l-imputat Timothy Jones cahad li kellu partecipazzjoni fir-reat u anzi kkorrobora mal-Pulizija sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni dwar x’kien gara dakinhar.

Fil-konfront tal-imputat Joseph Barbara, ghal darb'ohra, il-Qorti tirrileva li x-xhud Tina Nilson m'gharfet lil hadd. Marco Novakovic u Marco Paic ma jsemmux lil imputat Joseph Barbara fl-ebda hin tax-xhieda taghhom. L-unika persuna li semma lil imputat Joseph Barbara, huwa Robert Corney li fil-fehma tal-Qorti mhux xhud konsistenti u *ad ogni caso*, xorta anke jekk kellha temmen lil dan ix-xhud, zgur li ma hemm x korroboarazzjoni ghalhekk lanqas fil-konfront ta' dan l-imputat ma l-akkuzi jirrizultaw ippruvati.

Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c), 267, 279, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li **ma ssibx** lil imputati **TIMOTHY JONES** u **JOSEPH BARBARA hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom u tilliberhom minn kull imputazzjoni u htija**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------